# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Ġuramentat nru. 964/20MH**

**World Class Services limited, soċjeta' Estera inkorporata taħt il-liġi tal-Ġibilta'**

**B'numru ta' registrazzjoni 118129 u kif debitament rappresentat mill-mandatarju Speċjali tagħha Edward Licari dententur ta' karta ta' l-identita' 128377M**

**Vs**

**(1)Henrik Olsson detentur ta' karta ta' Identita' numru 192927A.**

**(2)Caluno iGaming Consulting Limited (C90956)**

**Illum 14 ta'April, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi:

*Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi Bethard kienet daħlet f'joint venture mal-intimati f'tentattiv biex jistabbilixxu preżenza fis-suq tal-gaming Daniż, liema joint venture*

*ġie terminat minn Bethard permezz ta' e-mail mibgħut minn Erik Johan Sebastian Skarp, direttur ta' Bethard ('Skarp'), lil Olsson personalment fil-25 ta' Marzu 2020 (anness ma' dan ir-rikors ġuramentat bħala '***Dok. WCS1***').*

2. *Illi kien intlaħaq ftehim bejn l-intimati u Bethard li l-marketing expenses kollha li jkunu dovuti b'riżultat tal-operat tal-intimati fid-Danimarka, kemm jekk hux relatata mal-joint venture jew le, kienu unikament ir-responsabilta' tal-intimati, u dan skont l-ammissjoni inekwivoka ta' Olsson stess f'e-mail mibgħut minnu lil Skarp fis-26 ta' Marzu 2020 (ara anness u mmarkat bħala '***Dok. WCS2***').*

3. *Illi Olsson huwa l-proprjetarju kif ukoll id-direttur waħdieni tal-kumpanija Caluno Marketing Holding Ltd. (Numru ta' Reġistrazzjoni HE 404635), reġistrata taħt l-indirizz Lordou Vyronos, 61, Lumiel Building, 4th Floor, Larnaca 6023, Ċipru, li hija l-unika azzjonist tas-soċjeta' intimata Caluno iGaming Consulting Limited (C90956), reġistrata taħt l-indirizz 34, Villa Belmar, Triq id-Dris, Swieqi, Malta ('Caluno'). Olsson huwa wkoll id-direttur waħdieni fuq Caluno.*

4. *Illi Henrik Olsson, detentur tal-Karta tal-Identita' 192927A ('Olsson'), kien impjegat minn Bethard bħala Head of Marketing for Denmark, u ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni f'dan l-irwol, u lanqas permezz ta' xi riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi jew xi prokura ta' Bethard, sabiex jirrapreżenta u/jew jidher għal din is-soċjeta' in kwistjoni.*

5. *Illi Olsson u Caluno kienu qabbdu lil Event Travel ApS (Numru ta' Reġistrazzjoni 38808079), reġistrata taħt l-indirizz Vesterbrogade 69, 3, København V, 1620, Denmark ('Event Travel') sabiex tippresta servizzi, u Event Travel ħarġu żewġ fatturi mehmuża bin-numru 2017279 u 2017780 ('il-Fatturi') (annessi u mmarkati bħala '**Dok. WCS3**' u '**Dok. WCS4**' rispettivament) għal dawn is-servizzi reżi. Is-soċjetajiet rikorrenti ma kienux konsapevoli b'dan in-negozju u lanqas ma awtorizzaw lill-intimati sabiex jitrattaw mal-istess Event Travel għan-nom tar-rikorrenti. Tant hu hekk, illi Event Travel qatt ma fornew kopji tal-kuntratti jew ta' kwalunkwe dokumentazzjoni oħra lil Bethard in sostenn tas-servizzi reżi minn Event Travel lill-intimati.*

6. *Illi qed jingħata dan l-isfond għaliex Event Travel hija kumpanija Daniża ġestita minn ċertu Jakob Bruun Famme (detentur tal-Passaport Daniż Numru 206323338) ('Famme'), li kien konoxxenza tal-intimat Olsson għal xi snin u minn tal-inqas mis-sena 2017 - qabel ma Olsson kien involut mar-rikorrenti.*

7. *Illi, nonostante li Bethard kienet estranea għal dan in-negozju bejn Olsson u Caluno fuq naħa waħda, u Event Travel fuq naħa oħra, dawn iż-żewġ fatturi in kwistjoni tħallsu minn Bethard biss għaliex Olsson, personalment, kien talab lis-soċjeta' rikorrenti biex issellfu dan l-ammont. Is-self brevi manu kwindi ħa l-forma li s-soċjetà Bethard ħallset dawn il-fatturi a benefiċċju ta' Olsson.*

8. *Illi għal fini ta' kjarifika, dawn il-Fatturi kienu oriġinarjament inħarġu f'isem Caluno, u wara li l-intimat Olsson talab lir-rikorrenti sabiex iħallsu dawn il-Fatturi, ir-rikorrenti Bethard talbet lil Event*

*Travel sabiex il-Fatturi jiġu emendati sabiex jindirizzaw lir-rikorrenti World Class Services. Dan sar biss sabiex jiffaċilitaw l-proċessar tal-pagamenti mill-banek involuti.*

9. *Illi dawn il-Fatturi tħallsu mir-rikorrenti fit-23 ta' Ottubru 2019 kif inhu muri mid-dokument anness u mmarkat ma' dan ir-rikors ġuramentat bħala '***Dok. WSC5***' u dan bħala parti mis-self brevi manu maqbul mal-intimati.*

10. *Illi l-ħlas ta' dawn il-Fatturi mir-rikorrenti kienet biss att in bona fede, u kien magħmul unikament għall-benefiċċju ta' Olsson kif maqbul.*

11. *Illi il-ħlas tal-Fatturi in kwistjoni magħmul minn Bethard fuq it-talba ta' Olsson ħoloq bilanċ dovut mill-intimati favur ir-rikorrenti fl-ammont totali ta' €45,000 (ħamsa u erbgħin elf Ewro), liema debitu huwa ċert, likwidu u dovut; pero', l-intimati għadhom ma għamlux tajjeb għal dan il-bilanċ.*

12. *Illi minkejja li ġew interpellati kemm-il darba bil-fomm u bil-miktub, senjatament permezz ta' ittra datata 16 ta' Ottubru 2020 (anness u mmarkat bħala '***Dok. WSC6***'), l-intimati ma ħallsux dan il-bilanċ dovut.*

13. *Illi l-intimat Olsson huwa personalment responsabbli għad-dejn in kwistjoni għaliex inter alia kien hu personalment li talab lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-Fatturi u Olsson b'mala fede, nuqqas ta' imġiba korretta u/jew frodi uża lil Caluno bħala l-lunga manus u/jew alter ego tiegħu sabiex jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti u kwindi tilef*

*il-privileġġ tas-separazzjoni tal-personalità ġuridika li fil-liġi tagħna huwa privileġġ u privileġġ mogħti biss lil min imexxi n-negozju in buona fede.*

14. *Illi sa fejn jafu s-soċjetajiet rikorrenti, l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet tal-istess soċjetajiet rikorrenti, u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, jgħidu għalhekk is-soċjetajiet rikorrenti għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

a. *Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Tikkundanna l-intimati jħallsu in solidum lis-soċjetajiet rikorrenti s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000.00).*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota ta' l-Avukat ta' L-Istat [1] fejn informa lil Qorti l-konvenut ġie debitament notifikat ġewwa d-Danimarka.

Rat lil konvenuti la ntavolaw ebda kontestazzjoni tal-proċedura bid-dispensa tas-smiegħ jew wisq anqas dehru quddiema fid-data appuntata għal dan l-iskop.[2]

[1] A folio 40.
[2] Art. 170 kap 12

Rat fir-rigward tal-konvenuta Caluno Marketing Holding Ltd il-premessa nru 3 fir-rikors Ġuramentat.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Edward Licari li bil-ġurament tiegħu kkonferma li l-ammont dovut llum jammonta għas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf ewro, €45,000 u dan nonostante li hu kien anke bagħat interpellazzjoni għal ħlas tramite emails[3].

Ikkonsidrat anke wara li semgħet id-debita trattazzjoni illi t-talbiet mressqa jimmeritaw li jiġu milqugħa u konsegwentement qegħda applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tikkundana l-intimati jħallsu in solidum bejniethom lis-soċjetajiet rikorrenti s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro, (€45, 000).

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet.

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**

[3] Ara dokumenti esebiti bħala Dok WCS7 folio 37-38